# BORD TA’ L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Gimgha 13 ta’ Settembru 2002**

**Rikors numru 39/99**

**Numru 25**

**Agent Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Maria Mifsud u Antonio Mifsud**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 31 ta‘ Mejju 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghall-akkwist b’titolu ta’ Dominju Pubbliku tad-dar numru 4 u 5 Sqaq Numru 1, Triq Laqxija B’Kara huwa ta’ tmien Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm8.40) fis-sena u dan fuq bazi tal-kera indikata fil-Land Valuation Office kif

espressament titlob il-ligi (u mhux kif erroneament mgharraf lilhom fl-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru 1987) u biz-zieda preskritta ta' 40 fil-mija, kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V. Sutton A & C.E. tal-20 ta' Jannar 1995 li estratt tieghu huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-10 ta' Gunju 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettaw l-kumpens offert.

Ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' dominju pubbliku il-fond fuq imsemmi, jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-guranta, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi, in sintesi:-

a) In rigward il-fond in esami gie stabbilit li, fil-31 ta' Mejju 1939, il-kirja fuq il-fondi in kwistjoni kien ta' Lm6.00,0 (fol 33 sa 35 tal-atti).

b) L-artikolu 27 (13) tal-Kapitolu 88 tal–Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li l-akkwist ta' xi art b'dominju pubbliku ghandu jkun ekwivalenti ghall-kera ta' akkwist biz-zieda ta' 40% f'kaz ta' bini belti qadim.

c) A basi ta' dak premess jirrizulta li f'dan il-kaz, il-kumpens xieraq ghall-akkwist da parti tal-Gvern, tal-fondi in kwistjoni b'titolu ta' dominju publiku ghandu jammonta ghal Lm8.40,0 fis-sena dekoribbli mid-data tad-dikjarazzjoni tal-president ta' Malta relattiva (ara ukoll fol 15, 16, 24, u 25 tal-atti).

Ikkunsidra

Illi dak sottomess mill-Perit Martin J Debono (fol 18 et seq tal-atti) u mill-istess intimata (fol 7 et seq ibid) ma ghandu ebda validita legali f'dan il-kaz, kif jidher evidenti mill-premess.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u :

a) jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrenti, b'titolu ta' dominju publiku il-fond bin-numru 4 u 5 fi Sqaq numru 1, Triq Laqxija, Birkirkara u dan versu il-kumpens ta' Lm8.40,0 fis-sena dekorribbli mid-data tad-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta relattiva.

b) jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jippublika l-att realttiv.

c) jordna li l-istess att publiku jigi publikat fid-Dipartiment tal-Artijiet fis-6 ta' Novembru 2002 fid-9.00a.m.

d) jinnomina lill-Avukat Dottor Anthony Cutajar sabiex jidher ghall-kontumaci.

In rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Christine Micallef
Dep. Reg